Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISJONI (KE) Nru 3393/93**

ta' l-10 ta' Diċembru 1993

li fih imniżżel regoli ddettaljati li jamministraw il-għoti ta' l-għajnuna għall-ħżin privat għal ċertu ġobon maħdum fil-gżejjer żgħar ta' l-Eġew

(ĠU L 306, 11.12.1993, p. 32)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Ir-Regolament tal-Kummissijoni (KEE) Nru 1802/95 tal-25 ta' Lulju 1995	L 174	27	26.7.1995

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISJONI (KE) Nru 3393/93

ta' l-10 ta' Diċembru 1993

li fih imniżżel regoli ddettaljati li jamministraw il-għoti ta' l-għajnuna għall-ħżin privat għal ċertu ġobon maħdum fil-gżejjer żgħar ta' l-Eġew

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Fir-rigward għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Fir-rigward tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93 tad-19 ta' Lulju 1993 li jintroduċi miżuri speċifiċi għall-gżejjer żgħar Eġew li jikkonċernaw ċertu prodotti agrikoli (1), u partikolarment l-Artikoli 6(3) ta' dan,

Billi l-Artikolu 6(2) ta' dak ir-Regolament jipprovdi għall-għoti ta' għajnuna ta' ħżin privat għall-erba' tipi ta' ġobon maħdum fil-gżejjer żgħar Eġew; billi r-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni ta' dan il-forniment għandhom fl-aktar punti prinċipali jkunu identiċi ma' dawk il-miżuri simili għall-ġobon ieħor; billi l-ammont ta' għajnuna għandu jkun imqiegħed billi jiġu wżati l-istess kriterji bħal fil-każ ta' dawk il-miżuri;

Billi l-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1756/63 tat-30 ta' Ġunju 1993 li jiffissa l-eventwalitajiet operattivi għarrata ta' konverżjoni agrikola applikabbli għall-ħalib u prodotti ta' ħalib (2), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) 2866/93 (3), fih imniżżel ir-rata ta' konverżjoni li għandha tkun applikata għall-għanijiet ta' miżuri ta' għajnuna għall-ħżin privat fis-settur tal-ħalib;

Filwaqt li l-miżuri li sar provvediment għalihom f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija għall-Halib u Prodotti tal-Halib,

ĠIE ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L- Artikolu 1

Għajnuna għall-ħżin privat għandha tingħata għall-kwantità massima ta' 5000 tunnellata kull sena ta' ġobon maħdum fil-lokal kif hemm riferenza għal dan fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93.

L-awtoritajiet Griegi għandhom iniżżlu l-kriterji għad-diviżjoni ta' din il-kwantità bejn l-erba tipi tal-ġobon konċernat, minn naħa l-waħda, u bejn id-diversi gżejjer minn naħa l-oħra. Dawk il-kriterji għandhom ikunu mgħoddija lill-Kummissjoni.

L- Artikolu 2

1. L-aġenzija responsabbli magħżula mill-Greċja m'għandhiex tikkonkludi kuntratti ta' ħżin jekk ma' jkunux milqugħa dawn il-ħtiġijiet:

(a) il-kwantità ta' ġobon li għaliha jirrelata dan il-kuntratt ma tkunx anqas minn żewg tunnellati;

(b) fid-data speċifikata fil-kuntratt bħala d-data tal-bidu ta' ħżin, il-ġobon ikollu ta' l-anqas

— 90 ġurnata fil-każ ta' Graviera, Ladotyri u Kefalograviera,

— 60 ġurnata fil-każ ta' Feta;

(ċ) il-ġobon ikun għadda minn testijiet li juru li jkunu jaqblu mall-kondizzjonijiet kif imniżżla fil-(b) u li hu ta' prima kwalità;

(d) dak li jaħżen għandu jkun responsabbli:

— li jżomm il-ġobon matul il-perijodu kollu ta' ħżin f'postijiet fejn it-temperatura massima hi + 16 °C,

— m'għandux, matul Iż-żmien tal-kuntratt jibdel il-komposizzjoni tal-lott li hija suġġetta għall-kuntratt mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' l-aġenzija responsabbli. Jekk il-kondizzjoni illi tikkonċerna il-kwantità minima għall-kuntratti tibqa tiġi milqugħa, l-aġenzija

▼B

tista' tawtorizza alterazzjoni limitata għat-tneħħija jew sostituzzjoni ta' ġobon misjub tant imħassar li ma jkunx tajjeb għall-ħżin.

Fl-eventwalità ta' tneħħija mill-ħżin ta' ċertu kwantitajiet;

(i) jekk il-kwantitajiet imsemmija qabel huma sostitwiti bl-awtorizzazzjoni ta' l-aġenzija, il-kuntratt għandu jkun mifhum bħala li ma għaddiex minn xi tibdil;

(ii) jekk il-kwantitajiet imsemmija qabel ma jkunux ġew sostitwiti, il-kuntratt għandu jkun mifhum bħala li ġie konkluż ab initio għall-kwantità miżmuma.

Kull spejjez ta' sorveljanza li jsiru mħabba alterazzjoni għandhom isiru minn dak li jaħzen,

— biex iżomm l-istokk ta' kontijiet u biex jinforma lill-aġenzia kull ġimgħa bil-kwantita ta' ġobon li jkun maħżun matul il-ġimgħa ta' qabel u b'kull irtirar ippjanat.

2. Il-kuntratt ta' ħżin għandu jkun konkluż:

(a) bil-kitba, li tgħid id-data ta' meta jibda l-ħżin kopert bil-kuntratt; din tista ma tkunx aktar qabel mill-ġurnata li tiġi wara dik li fiha d-dħul tal-ġobon kopert mill-kuntratt fil-ħżin ġie komplut;

(b) wara li jkun daħal għall-ħażna il-ġobon kopert bil-kuntratt u mhux aktar tard minn 40 jum wara d-data li fih jibda il-ħżin kopert bil-kuntratt.

L- Artikolu 3

1. Ebda għajnuna m'għandha tingħata fir-rispett ta' ħżin taħt kuntratt għall-anqas minn 60 jum.

2. L-għajnuna li tista titħallas tista ma taqbiżx l-ammont li jikkorrispondi għal 150 jum ta' ħżin skond il-kuntratt.

Permezz ta' deroga mit-tieni daħla ta' l-Artikolu 2(1)(d), meta l-perjodu ta' 60 jum kif speċifikat fil-paragrafu 1 jkunu għaddew, dak li jaħżen jista jneħħi l-kwantità kollha jew parti minnha taħt il-kuntratt.

Id-data tal-bidu ta' l-operazzjonijiet biex jitneħħa l-ġobon kopert bil-kuntratt m'għandux ikun inkluż fil-perjodu ta' ħżin taħt il-kuntratt.

L- Artikolu 4

L-ammont f'għajnuna għandu jkun ta' ►**M1** 2,75 ◄ EKU kull tunnellata għal kull jum.

L-għajnuna għandha tkun imħallsa mhux aktar tard minn 90 jum millaħħar jum ta' ħżin skond il-kuntratt.

L- Artikolu 5

1. Il-Greċja għandha tassigura illi l-kondizzjonijiet li jagħtu d-dritt għal ħlasijiet f'għajnuna jkunu ssodisfatti.

2. Il-kuntrattur għandu jagħmel disponibbli lill-awtorità responsabbli biex tivverifika l-eżekuzzjoni tal-miżura id-dokumentazzjoni kollha li tippermetti l-partikolarijiet li ġejjin tal-prodotti mqiegħda fil-ħżin biex jiġu ivverifikati:

(a) id-dritt ta' pussess fiż-żmien ta' dħul ta' ħżin,

(b) l-oriġini u d-data tal-manifattura tal-ġobon,

(ċ) id-data tad dħul fil-ħżin,

(d) il-preżenza fil-ħżin,

(e) id-data ta' tneħħija mill-ħżin.

3. Il-kuntrattur jew, fejn applikabbli, l-operatur tal-maħżen għandu jżomm l-istokk tal-kotba tal-kontijiet disponibbli fil-maħżen li jkunu jkopru:

(a) identifikazzjoni, bin-numru tal-kuntratt, ta' prodotti fi ħżin privatt,

(b) id-data tad-dħul u tat-tneħħija mill-ħżin,

▼B

(ċ) l-ammont ta' ġobon f'kull lott u l-użin tiegħu,

(d) il-lok tal-prodotti maħżuna.

4. Prodotti maħżuna għandhom ikunu identifikati faċilment bil-kuntratt. Marka speċjali għandha tkun imwaħħla mal-ġobon kopert mill-kuntratt.

5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(1)(d), waqt li jsir il-ħżin, l-aġenzija responsabbli għandha tagħmel iċċekkjar partikolarment biex tassigura illi l-prodotti maħżuna huma eliġibbli għall-għajnuna u biex timpedixxi kull possibilità ta' sostituzzjoni ta' prodotti waqt il-ħżin skond il-kuntratt.

6. L-aġenzia responsabbli mill-kontratti għandha terfa' r-responsabbilità:

(a) li jsir iċċekkjar mingħajr avviz biex tara illi l-prodotti jkunu jinsabu fil-maħżen. Il-kampjun konċernat għandu jkun rappreżentattiv u għandu jikkorispondi għal ta' l-anqas 10 % tal-kwantità kollha taħt il-kuntratt għall-miżura ta' għajnuna ta' ħżin privat.. Iċċekkjar bħal dan għandu jinkludi, b'żieda ta' eżami tal-kotba tal-kontijiet li għalihom hemm riferenza fil-paragrafu 3, iċċekkjar fiżiku ta' l-użin u t-tip ta' prodott u l-identifikazzjoni tagħhom. Iċċekkjar fiżiku bħal dan għandu jirrelata għal ta' l-anqas 5 % tal-kwantità soġġetta għall-iċċekkjar mhux avżat;

(b) Isir iċċekkjar biex juri illi l-prodotti huma mqiegħda fl-aħħar tal-perjodu ta' ħżin taħt il-kuntratt.

7. L-iċċekkjar immexxi konformi ma' paragrafi 5 u 6 għandu jkun issoġġett ta' rapport li jgħid:

— id-data ta' meta sar l-iċċekkjar

— dewmien,

— l-operazzjonijiet li saru.

Ir-rapport għandu jkun iffirmat mill-uffiċjal responsabbli u kkontrafirmat minn kuntrattur jew, fejn applikabbli, mill-operatur tal-maħżen.

8. F'każ ta' rregolaritajiet li jaffettwaw għall-anqa 5 % tal-kwantitajiet tal-prodotti iċċekkjati l-iċċekkjar għandu jigi estiż għall-kampjun akbar li jrid ikun determinat mill-agenzija responsabbli.

Il-Greċja għandha tinnotifika każi bħall dawn lill-Kummisjoni fi żmien erba ġimgħat..

9. Il-Greċja għandħa tipprovdi illi l-ispejjeż ta' l-iċċekkjar ikunu mħallsa f'parti jew kollha mill-kuntrattur.

L- Artikolu 6

Il-Greċja għandha tikkomunika mal-Kummissjoni mhux aktar tard mill-10 jum ta' kull xahar, fir-rispett tax-xahar li jiġi qabel, il-kwantitajiet ta' ġobon li għalih kuntratti ta' ħżin ikunu ġew konklużi, b'kollass b' kategorija ta' ġobon li għalih hemm riferenza fl-Artikolu 2(1)(b).

L- Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.